TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 144/15/F

**Natalizia Camilleri**

**vs**

**V. G. Tiles Co. Ltd.**

Illum 7 ta' Diċembru, 2016

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-10 ta' Lulju, 2015 fejn ir-rikorrenti talbet rifużjoni ta' tliet mija, u ħamsa u tmenin ewro (€385), rappreżentanti wiċċ tal-kċina tal-irħam u li wara ftit beda jittebba'.

Is-soċjeta' ntimata ma ppreżentatx risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huwa rappreżentant ta' l-istess soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet ordnat wiċċ tal-irħam għall-kċina u ħallset il-prezz ta' tliet mija, u ħamsa u tmenin ewro (€385) għalih, u li wara ftit beda joħroġ it-tbajja.

L-intimat issottometta illi l-irħam kien ingħata tajjeb u li kien it-tort tar-rikorrenti li ġralu hekk.

Minħabba li kienet xi ħaġa teknika, t-Tribunal, qabbad lill-espert tekniku l-Perit Alan Saliba sabiex jagħti rapport fuq dan l-irħam. L-espert tekniku kkonkluda li bħala fatt fil-wiċċ tal-kċina ħarġu tbajja li komplew ġew aggravati wara li r-rikorrenti mesħet l-istess wiċċ b'xi żejt jew griż. Jiġifieri qed jgħid illi ġa kien hemm xi bidu ta' difett pero' dan ġie aggravat bl-użu ħażin daparte tar-rikorrenti.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lura lir-rikorrenti l-ammont ta' mija u disgħin ewro (€190), u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet. L-ispejjeż tal-espert għall-intimat.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888